MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 1870/1998/2

***Dingli Co. International Ltd*** **bħala aġent Malta f'isem is-soċjetà estera** ***The Performing Right Society Limited*** **ta' Londra, l-Ingilterra**

***v.***

***Rainbow Productions Limited*****; u b'dikriet tal-21 ta' Marzu 2000 l-isem tas-soċjetà**

**konvenuta ġie sostitwit għal *One Productions Limited***

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mis-soċjetà attriċi biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tat-28 ta' Frar 2014, wara li titħassar dik is-sentenza għax l-attriċi tgħid illi s-sentenza attakkata applikat il-liġi ħażin (art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti relevanti huma dawn: is-soċjetà attriċi *Dingli Co. International Limited* ["*Dingli*"] tgħid illi b'xandiriet fuq l-istazzjon tar-radju tas-soċjetà konvenuta *Rainbow Productions Limited* ["*Rainbow*"] (illum magħrufa *One Productions Limited*) l-istess konvenuta kisret drittijiet tal-awtur amministrati mill-attriċi fuq diversi xogħlijiet mużikali u ma ħallsitx ir-*royalties* relativi. *Dingli* għalhekk talbet illi l-qorti, wara li (i) tgħid illi *Rainbow* kisret id-drittijiet tal-awtur, (ii) tillikwida d-danni li ġarrbet *Dingli* minħabba f'hekk, (iii) tikkundanna lil *Rainbow* tħallas id-danni hekk likwidati u (iv) iżżomm lil *Rainbow* milli xxandar xogħlijiet imħarsa bi drittijiet tal-awtur jekk mhux wara li tkun kisbet il-liċenza meħtieġa għalhekk kif igħid u jrid l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur ["Kap. 196"].

3. B'sentenza tat-3 ta' Ottubru 2008 l-ewwel qorti laqgħet l-ewwel talba ta' *Dingli* billi iddikjarat illi "soċjetà konvenuta ittrasgrediet id-drittijiet tal-

awtur fix-xogħlijiet mużikali vestiti fis-soċjetà attriċi ... sa mill-31 ta' Ottubru 1994", u ordnat illi jitkompla s-smigħ tal-kawża għall-għanijiet tat-talbiet l-oħra. B'sentenza tal-15 ta' Lulju 2010, imbagħad, l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

"Mill-provi prodotti mis-soċjetà attriċi, jirriżulta li s-soċjetà konvenuta *tramite* l-istazzjon tar-radju tagħha xandret xogħolijiet musikali li huma effettivament indikati fl-imsemmi *affidavit* tax-xhud Nicholas Kounoupias. F'dan l-istadju ssir referenza għal dak li ntqal fl-imsemmija sentenza tat-3 ta' Ottobru 2008 u *cioè*:-

> ""*Inoltre* s-soċjetà attriċi elenkat dawk ix-xogħlijiet li, fil-periodu in kwestjoni, ixxandru minn fuq ir-radju tal-konvenuti. Skond is-soċjetà attriċi n-nuqqas da parti tal-konvenuti li jħallsu l-imsemmija jikkostitwixxu d-danni li qed jiġu reklamati mill-istess soċjetà attriċi."
>
> "Is-soċjetà konvenuta, permezz tal-provi minnha prodotti, bl-ebda mod ma kkontestat l-imsemmija lista ta' xogħlijiet li ġiet esibita mis-soċjetà attriċi."

"Għalhekk jirriżulta li s-soċjetà attriċi elenkat dettaljatament ix-xogħlijiet li l-istess soċjetà attriċi tgawdi fuqhom il-kontroll u d-dritt tal-awtur u li xxandru mis-soċjetà konvenuta fuq ir-radju tagħha fil-periodu in kwestjoni.

"Is-soċjetà attriċi, fin-nota tagħha tal-4 ta' Frar 2009, issottomettiet li d-danni minnha pretiżi għas-snin in kwestjoni u *cioè* mill-1 ta' Jannar 1995 sal-31 ta' Diċembru 1998 jammontaw wieħed u għoxrin elf tmien mija u sebgħa u sebgħin liri maltin (Lm21,877) ekwivalenti għal ħamsin elf disa' mija u sittin euro (€50,960).

"Dawn l-ammonti jirriżultaw ġustifikati *stante* li huma ibbażati fuq it-tariffa li hi applikabbli għall-każ in esami u liema tariffa ġiet ukoll approvata mill-awtorità kompetenti. *Inoltre* l-ammont li ġie applikat mis-soċjetà attriċi għar-rigward tas-sena finanz1arja 1995 hu ġustifikat u dana tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ li jirriżultaw f'dan ir-rigward. Ġustament ġie applikat skont ta' 15% fuq il-*gross broadcasting revenue*, liema skont jirrifletti xi ammonti li setgħu tħallsu mis-soċjetà konvenuta lill-aġenziji tar-reklamar.

"Fid-dawl ta dan kollu u b'referenza għall-imsemmija sentenza tat-3 ta' Ottubru 2008 tiddeċiedi billi fl-ewwel lok tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u fit-tieni lok billi tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi bħala konsegwenza tat-trasgressjoni da parti tas-soċjetà konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xogħlijiet mużikali vestiti fis-soċjetà attriċi fis-somma ta' ħamsin elf disa' mija u sittin euro (€50,960) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas din is-somma lis-soċjetà

attriċi. Tinibixxi s-soċjetà konvenuta milli xxandar jew iġġiegħel lil ħaddiehor ixandar dawk ix-xogħlijiet kollha tutelati *ossia copyright* u kkontrollati mis-soċjetà attriċi u dana sakemm ma tottjeniex il-liċenzja relativa mingħand is-soċjetà attriċi, u dan a bażi u ghall-finijiet tad-disposizzjonijet tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap, 196 tal-Liġijiet ta' Malta) taħt il-pieni komminati mil-liġi għall-ħatjin ta' disprezz lejn l-awtorità ta' qorti għal kull eventwali infrazzjoni ta' din l-ordni.

"Spejjeż kollha kontra s-soċjetà konvenuta."

4. *Rainbow* appellat kemm mis-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2008 u minn dik tal-15 ta' Lulju 2010, u din il-qorti, bis-sentenza tat-28 ta' Frar 2014 ["is-sentenza attakkata"] iddeċidiet hekk:

"... ... ... tiddisponi mill-appell imressaq mis-soċjetà konvenuta *One Productions Ltd*. billi tilqa' l-istess biss *in parte*, fis-sens li tiċħad l-appell in kwantu dirett kontra s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2008, u allura tikkonferma dik is-sentenza, iżda tirriforma s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2010 fis-sens biss li tillikwida d-danni fl-ammont ta' €7,000 (flok il-€50,960 likwidat mill-ewwel qorti) u tikkonferma s-sentenza ghall-bqija.

"L-ispejjeż tal-kawża marbuta mas-sentenza tal-ewwel qorti tat-3 ta' Ottubru 2008 jitħallsu mis-soċjetà konvenuta *One Productions Ltd*, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mas-sentenza tal-ewwel qorti tal-15 ta' Lulju 2010 u ma' din is-sentenza ta' din il-qorti jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiiet."

5. Il-konsiderazjonijiet li wasslu lil din il-qorti għal dik id-deċiżjoni, fil-partijiet li huma relevanti għall-għanijiet tas-sentenza tallum, ġew imfissra hekk:

"F'din il-kawża s-soċjetà estera *The Performing Right Society Ltd*, *tramite* l-agenti tagħha hawn Malta, qed tipproċedi kontra l-kumpanija *One Productions Ltd* talli din permezz tal-istazzjon tar-radju tagħha li jġib l-isem *Super One Radio*, liema stazzjon jittrasmetti terrestrijalment minn Malta ... ... ..., xandret xogħlijiet mużikali tutelati mingħajr ma ottjeniet il-permess meħtieġ bl-artikolu 13 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 196 tal-Liġijiet ta' Malta, issa mħassar, u sostitwit b'liġi oħra, bl-Att XIII tas-sena 2000).

"L-ewwel qorti ddeċidiet il-materja f'żewġ sentenzi, u wara li stabbiliet li s-soċjetà lokali verament tirrapprezenta lil dik estera, u li l-istazzjon tas-

soċjetà konvenuta jittrasmetti xogħol mużikali mingħajr il-liċenzja meħtieġa, sabet lis-soċjetà konvenuta responsabbli għal dan il-ksur u għall-ħlas ta' danni li ġew likwidati fis-somma ta' €50,960.

"... ... ... is-soċjetà konvenuta appellat mis-sentenzi bl-aggravji li ... ... ... f'kull każ l-ammont likwidat mill-ewwel qorti huwa eċċessiv.

"Din il-kawża hija bażata fuq dak li kien jipprovdi l-Kap. 196 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment l-artikolu 13 ta' din il-liġi. Il-kawża tirrigwarda ksur ta' dan l-artikolu fil-perjodu bejn Jannar u Novembru 1998, u l-kawża nfetħet ukoll fl-1998, f'kull każ meta l-liġi kienet għadha *in vigore*. Il-fatt li fl-2000 dik il-liġi ġiet revokata ma jtellifx id-dritt tat-titular tad-drittijiet tal-awtur li jkompli bi proċedura li nbniet bis-saħħa ta' liġi għall-allegat ksur tal-istess liġi. Fin-nuqqas ta' leġislazzjoni appożita u espliċita, kawża li bdiet taħt ir-reġim ta' liġi partikolari tista' tkompli tinstema' anke wara t-tħassir ta' dik il-liġi, [u] d-dewmien biex tiġi deċiża l-kawża ma jkunx ta' preġudizzju għall-interess tal-istess partijiet fil-kawża. F'dan is-sens jipprovdi wkoll l-artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta) li jippermetti t-tkomplija ta' kull stħarriġ jew proċedimenti legali li jkunu bdew taħt liġi li wara tiġi mħassra.

"Qed jiġi issa riprodott l-artikolu 13(1) sa (4) tal-imsemmi Kap. 196, li fuqu tibbaża l-azzjoni s-soċjetà attriċi:

> ""**13.** (1) Id-drittijiet tal-awtur jiġu miksura minn kull persuna li tagħmel jew iġġiegħel lil ħaddieħor li jagħmel, mingħajr liċenza tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet, att li l-għemil tiegħu huwa kontrollat minn drittijiet tal-awtur.
>
> "(2) Id-drittijiet tal-awtur jiġu miksura wkoll minn kull persuna li, mingħajr il-liċenza tal-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur, timporta f'Malta, jekk mhux għall-użu tagħha personali jew domestiku, jew tiddistribwixxi f'Malta b'negozju, kiri jew mod ieħor, jew b'negozju tesibixxi fil-pubbliku, xi artikolu li dwaru jiġu miksura d-drittijiet tal-awtur skont l-aħħar subartikolu qabel dan.
>
> "(3) Meta xi ħadd jikser id-drittijiet tal-awtur fuq xi xogħol huwa jkun jista', fuq istanza tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet tal-awtur, jiġi kkundannat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-ħlas tad-danni jew għall-ħlas ta' penali ta' mhux anqas minn għaxar liri u mhux aktar minn ħames mitt lira kif dik il-qorti, wara li tiehu kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, jidhrilha xieraq, u għar-restituzzjoni tal-qligħ kollu li jkun sar mill-ksur tad-drittijiet tal-awtur:
>
> > ""Iżda meta l-konvenut jipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti li fiż-żmien tal-ksur ma kienx jaf u ma setax ikun raġonevolment mistenni li jkun jaf li kienu jeżistu drittijiet tal-awtur fuq ix-xogħol li għalih l-azzjoni tirriferixxi, il-qorti ma għandhiex tikkundannah għar-restituzzjoni tal-qligħ."
>
> "(4) Il-qorti tista', barra minn dan, f'kawża istitwita skont l-aħħar subartikolu qabel dan, fuq rikors tal-attur, tordna li l-artikoli kollha li jiksru d-drittijiet tiegħu li jkunu għadhom fil-pussess tal-konvenut jiġu konsenjati lill-attur."

"... ... ...

> "Għal dak li jirrigwarda l-aggravju fuq il-*quantum* tad-danni, is-soċjetà attriċi qed titlob is-somma ta' €50,960, li jirriżultaw skont hi minn tariffa applikabbli. Din it-tariffa, però, inħarġet mis-soċjetà estera, u kif ammetta uffiċjal tas-soċjetà Maltija "il-bord lokali tal-*copyright* fl-ebda ħin ma approva dawn it-tariffi". Id-danni, fin-nuqqas ta' disposizzjoni *ad hoc*, iridu jinħadmu skont il-Kodiċi Ċivili, li jrid li d-dannu jirrifletti t-telf effettiv li l-għemil ikun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara (artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili). Is-soċjetà attriċi trid danni a bażi ta' rata ta' 3% tal-*broadcasting revenue*, rata li giet aċċettata minn din il-Qorti fil-kawża *Dingli Co. International Ltd noe v. Smash Communications Ltd*, deċiża fit-30 ta' Novembru 1998; hawnhekk, però, għandna l-prova li t-tariffa a bażi tal-*broadcasting revenue* qatt ma ġiet approvata mill-awtoritajiet kompetenti lokali. Id-danni jridu jiġu kkalkolati fil-kuntest Malti, u dak li jista' jkun igħodd għall-esteru mhux neċessarjament ikun igħodd għal pajjiżna. Id-danni jirrappreżentaw telf ta' *royalties*, u bħala fatt ġie muri li kien hemm telf f'dan is-sens, għalkemm ma sarux provi preċiżi dwar it-telf subit u anqas jirriżulta li l-bord lokali tal-*copyright* stabbilixxa xi tariffi applikabbli.
>
> "Il-qorti tara li, fiċ-ċirkostanzi, tista' tipprovdi *arbitrio boni viri* u tqis li kumpens ta' €7,000 jirifletti b'mod aktar ġust il-ħsara li saret fil-kuntest ta' Malta."

6. B'rikors tas-27 ta' Mejju 2014 *Dingli* talbet illi l-appell jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza appellata, għax dik is-sentenza "applikat il-liġi ħażin" (art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Għal dan ir-rikors wieġbet *Rainbow* fis-16 ta' Ġunju 2014 biex tgħid illi s-sentenza attakkata hija tajba u għandha tiġi konfermata.

7. *Dingli* tgħid illi l-ewwel qorti applikat il-liġi ħażina għax (i) applikat id-disposizzjoniijiet tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur tas-sena 2000 ["Kap. 415"] flok l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur tal-1967 ["Kap. 196"] li kienet applikabbli fiż-żmien relevanti; u (ii) biex tillikwida d-danni applikat id-disposizzjonijiet ġeneriċi tal-art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili flok dawk tal-Kap. 196 li jgħoddu speċifikament għall-każ.

8. *Dingli* fissret hekk l-ewwel aggravju tagħha:

“Illi fis-sentenza impunjata, din l-onorabbli qorti qalet illi “għandna l-prova li t-tariffa a bażi tal-*broadcasting revenue* qatt ma ġiet approvata”. Illi fil-fatt, l-Att tas-sena 1967 ma kienx jistipula illi s-soċjetà ritrattandi kellha tirrikorri għand il-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur sabiex jiġu approvati dawn it-tarlffi. Tabilħaqq l-artikolu 15 tal- Kapitlu 196 jistipula illi f’każ fejn kellu jirriżulta lill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur illi l-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur qiegħed jew jirrifjuta mingħajr raġun illi jagħti liċenzja fir-rigward ta’ dawk ix-xogħlijiet jew inkella qiegħed jimponi termini u kondizzjonijiet mhux raġjonevoli għall-għotii ta' tali liċenzja, allura l-istess Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur seta’, fost affarijiet oħra, jistabbilixxi r-*royalties* applikabbli. Minn dan jirriżulta illi is-soċjetà ritrattata setgħet, kieku riedet, teżerċita d-dritt illi tirrikorri lill-istess Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur sabiex jiġu stabbiliti r-*royalties* applikabbli f’każ illi l-istess soċjetà ritrattata kien jidhrilha illi r-*royalties* illi kienu qegħdin jiġu mitluba mis-soċjetá ritrattandi ma kinux raġjonevoli. Jirriżulta wkoll illi, dejjem *ai termini* tal-Kapitlu 196, is-soċjetà ritrattandi qatt ma setgħet tirrikorri hija lill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur.

“... ... ...

“Illi mis-sentenza impunjata stess u minn dikjarazzjonijiet illi għamlet din l-onorabbli qorti stess fl-istess sentenza jirrilulta bl-aktar mod pależ illi din l-onorabbli qorti applikat il-liġi l-ħażina u dana għaliex din l-onorabbli qorti ma applikatx id-disposizzjonijiet tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur tas-sena 1967 iżda applikat id-disposizzjonijiet tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur tas-sena 2000. Dan jirriżulta meta f’silta illi hija ħadet mis-sentinza fil-kawża fl-ismijiet <u>*Dingli Co. International Ltd noe v. Smash Communications Ltd*</u> deċiża fit-30 ta’ Novembru 1998 din l-onorabbli qorti, fis-sentenza impunjata, irrimarkat illi “hawnhekk, però, għandna l-prova illi t-tariffa a bażi tal-*broadcasting revenue* qatt ma ġiet approvata mill-awtoritajiet kompetenti lokali”.

“Bir-rispett kollu dovut lejn din l-onorabbli qorti, l-Kapitlu 196, (u *cioè* l-Att tas-sena 1967) ma jistipulax illi t-tariffa kellha tiġi approvata mill-awtoritajiet kompetenti lokali. Kien l-Att tas-sena 2000 illi kien jistipula dan ir-rekwiżit. Dak illi l-Att tas-sena 1967 kien jistipula kien [li] kull parti interessata setgħet faċilment tikkontesta quddiem il-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur illi kien l-unika tribunal, skond dik il-liġi, vestit bil-kompetenza u l-ġurisdizzioni illi jissindika it-tariffa tas-soċjetà ritrattandi.

“… … …

“Illi jirriżulta ċar, allura, illi din l-onorabbli qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Att tas-sena 2000 sabiex tasal għall-validità tat-tariffi meta, fil-fatt, missha applikat id-disposizzjonijiet tal-Att tas-sena 1967 u, kieku għamlet hekk, jiġi b’kull rispett rilevat, ma kenitx tirritjeni, fis-sentenza in kwestjoni, “hawnhekk, però, għandna l-prova li t-tariffa a bażi tal-*broadcasting revenue* qatt ma ġiet approvata mill-awtoritajiet

kompetenti lokali". Tabilħaqq, f'din is-silta misżsentenza appellata hemm l-evidenza illi din l-onorabbli qorti applikat il-Kapitlu 415 meta messha applikat it-Kapilu 169."

9. *Rainbow* wieġbet hekk:

"L-argument tas-soċjetà attriċi ritrattandi huwa manifestarnent żbaljat. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha din il-Qorti tal-Appell bdiet biex spjegat li:

> ""Din il-kawża hija bażuta fuq dak li kien jipprovdi l-Kap. 196 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment l-artikolu 13 ta' din il-liġi. Il-kawża tirrigwarda ksur ta' dan l-artikolu fil-perjodu bejn Jannar u Novembru 1998, u l-kawża nfetħet ukoll fl-1998, f'kull każ meta l-liġi kienet għadha *in vigore*. Il-fatt li fl-2000 dik il-liġi ġiet revokata ma jtellifx id-dritt tat-titular tad-drittijiet tal-awtur li jkompli bi proċedura li nbdiet bis-saħħa ta' liġi għall-allegat ksur tal-istess liġi."

"Il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li l-Kap. 196 baqa' japplika għall-każ preżenti bis-saħħa tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta) minkejja li ġie revokat u sostitwit bl-Att XIII tal-2000. Imbagħad l-istess qorti irriproduċiet b'mod sħiħ l-artikolu 13(1) sa (4) tal-imsemmi Kap. 196, li fuqu tibbaża l-azzjoni s-soċjetà attriċi, u ghamlet l-argumentazzjoni tagħha a bażi ta' dik il-liġi u dak l-artikolu. Mhux minnu dak li tissottometti s-soċjetà attriċi ritrattandi li Qorti tal-Appell applikat id-disposizzjonijiet tal-Att XIII tal-2000.

"Huwa ovvju li l-attriċi ma taqbilx mal-argumentazzjoni tal-Qorti tal-Appell,, imma din l-argumentazzjoni l-qorti għamlitha b'applikazzjoni tal-artikolu 13 tal-Kap. 196 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attriċi ritrattandi tipprova tagħmel l-argument tagħha fuq kumment ta' fatt il-Qorti tal-Appell għamlet meta kienet qiegħda tiddelibera fuq id-danni li kellha tillikwida skond l-artikolu 13 tal-Kap 196. Il-Qorti tal-Appell meta skartat il-likwidazzjoni tal-ewwel qorti bażata fuq it-tariffi tal-*PRS* tal-Ingilterra ikkummentat li dawn it-tariffi ma kinux approvati b'xi mod mill-Bord lokali tal-*Copyright*. Il-qorti qalet hekk:

> ""Din it-tariffa, però, inħarġet mis-soċjetà estera, u kif ammetta uffiċjal tas-soċjetà Maltija 'il-Bord lokali tal-*Copyright* fl-ebda ħin ma approva dawn it-tariffi'."

"Hawnhekk il-qorti argumentat li d-danni li għalihom jipprovdi l-artikolu 13 tal-Kap. 196 għandhom jiġu kkalkolati fil-kuntest Malti u għalhekk skond ir-regoli ġenerali tad-danni. Kien f'dan il-kuntest li l-qorti rriferiet għall-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Il-qorti applikat il-liġi tal-Kap. 196 u interpretatha b'riferenza għal-liġi ġenerali.

"... ... ...

"Kif diġà ingħad *supra*, mhuwiex minnu li l-Qorti tal-Appell ma applikatx artikolu 13 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 196 tal-Liġijiet ta'

Malta). Fil-verità n-nuqqas ta’ qbil tal-attriċi ritrattandi jirreferi għall-mod kif din il-qorti interpretat u applikat din id-disposizzjoni tal-liġi. Fis-sustanza hija qiegħda tfittex li l-fatti tal-kawża jerġgħu jiġu eżaminati, ivvalutati u interpretati mill-ġdid u b’mod differenti minn kif sar fis-sentenza attakkata. Magħsura, l-argumenti tal-attriċi ritrattandi jirrisolvu ruħhom fil-pretiża li din il-qorti fis-sentenza impunjata applikat il-liġi t-tajba b’mod ħażin. Tant hu hekk li, meta l-attriċi ssemmi l-liġi li kellha tiġi applikata, issemmi l-liġi li fil-fatt il-Qorti tal-Appell stess qalet li qieghda tapplika.

“Tajjeb li jiġi reiterat dak li din il-qorti qalet kemm-il darba, li r-rimedju ta' ritrattazzjoni hu wieħed straordinarju inkwantu jikkostitwixxi deroga tal-prinċipju li sentenza li għaddiet b’ġudikat għandha l-forza ta’ liġi bejn il-kontendent. Għalhekk, barra li jista' jiġi invokat biss fil-każijiet speċifici elenkati fil-liġi, id-disposizzionijiet tar-ritrattazzioni għandhom jiġu interpretati restrittivament. Diversament, taħt il-pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista’ jerġa’ jiftaħ il-kawża u b’hekk indirettament joħloq għalih tribunal tat-tielet istanza li mhux permess mil-liġi.”

10. L-argument ta’ *Dingli* (għalkemm, ikollu jingħad, mhux elaborat b’mod għalkollox komplet) effettivament huwa illi meta fis-sentenza attakkata jingħad illi t-tariffi illi fuqhom *Dingli* ikkalkolat it-telf tal-qligħ tagħha minħabba l-għemil ta’ *Rainbow* qatt ma kienu approvati mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur [“il-Bord”], kienet qiegħda ssir referenza indiretta għall-art. 51(1) tal-Kap. 415:

“**51.** (1) F’kull każ meta jidher lill-Bord li *collecting society* jew proprjetarju ta’ drittijiet tal-awtur jew drittijiet viċini -

“(a) ... ... ...

“(*b*) ikun qiegħed jimponi pattijiet jew kondizzjonijiet mhux raġonevoli għall-għoti ta’ dik il-liċenza,

“il-Bord jista’ jordna li, relattivament għall-għemil ta’ xi att li jirriferixxi għal xi xogħol li fih il-*collecting society* jew il-proprjetarju, skont il-każ, ikun interessat, liċenza għandha titqies li tkun ġiet mogħtija mill-*collecting society* jew mill-proprjetarju filwaqt li jkun sar l-att, kemm-il darba d-drittijiet xierqa stabbiliti minn dak il-Bord ikunu tħallsu jew ġew offruti qabel ma jgħaddi dak il-perjodu jew dawk il-perjodi li l-Bord jista’ jiddeċiedi dwarhom.”

11. Id-"drittijiet xierqa" huma dawk li jiġu "stabbiliti" minn qabel mill-Bord taħt ir-reg. 4(3)(*e*) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-Awtur ["L.S. 415.1"] – magħmula taħt l-istess Kap. 415 – bħala kondizzjoni biex *collecting society* bħal ma hija *Dingli* tiġi approvata biex topera f'Malta.

12. Il-posizzjoni fiż-żmien relevanti, iżda, kienet x'aktarx differenti. L-art. 15 tal-Kap. 196, li jikkorrespondi għall-art. 51 tal-Kap. 415, kien igħid hekk:

> "**15.** (1) F'kull każ meta jidher lill-Bord li għaqda li tagħti liċenzi jew komproprjetarju -
>
> "(*a*) ... ... ..., jew
>
> "(*b*) ikun qiegħed jimponi pattijiet jew kondizzjonijiet mhux raġonevoli għall-għoti ta' liċenza tali,
>
> "il-Bord jista' jordna li, relattivament għall-għemil ta' xi att li jirriferixxi għal xi xogħol li fih l-għaqda li tagħti liċenzi jew komproprjetarju, skond il-każ, ikun interessat, liċenza għandha titqies li tkun ġiet mogħtija mill-għaqda li tagħti liċenzi jew komproprjetarju fil-ħin li jkun sar l-att, kemm-il darba d-drittijiet xierqa stabbiliti minn dak il-Bord ikunu tħallsu jew ġew offerti qabel ma jgħaddi dak il-perijodu jew perijodi kif jista' jiddeċidi l-Bord.
>
> "(2) Salvi d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*m*) tal-*proviso* li hemm mas-subartikolu (1) tal-artikolu 7 ta' dan l-Att[1], id-disposizzjonijiet tal-aħħar subartikolu qabel dan ma japplikawx meta ċ-ċaħda li tingħata liċenza, jew il-pattijiet u kondizzjonijiet għall-għoti ta' liċenza, jirrappreżentaw id-deċiżjoni unanima tal-komproprjetarji kollha."

13. Kemm l-art. 51 tal-Kap. 415 u kemm l-art. 15 tal-Kap. 196 jirreferu għal "drittijiet xierqa stabbiliti mill-Bord" iżda d-disposizzjoni tal-art. 15(2), li

---

[1] L-art. 7(1) *prov.* (*m*) tal-Kap. 196 jolqot "ix-xandir jew xandir mill-ġdid ta' xogħol li jkun ġà sar aċċessibli legalment għall-pubbliku li dwaru ebda għaqda li tagħti l-liċenzi ... ... ... ma tkun interessata".

jgħid illi s-setgħa tal-Bord li jistabilixxi d-drittijiet ma tgħoddx fil-każ li t-titolari kollha tad-dritt tal-awtur ikunu qablu dwar il-kondizzjonijiet, ma hijiex riprodotta fl-art. 51, b'mod għalhekk illi, taħt il-Kap. 415, il-ħtieġa għall-approvazzjoni minn qabel tat-tariffi tgħodd f'kull każ.

14. Billi fil-każ tallum *Dingli* tirrappreżenta t-titolari kollha tad-drittijiet tal-awtur, u għalhekk japplika għall-każ l-art. 15(2) tal-Kap. 196, jidher illi qiegħda tgħid sew *Dingli* illi s-sentenza attakkata tapplika l-liġi ħażin, jew, aħjar, tapplika liġi ħażina, għax titlaq mill-premessa illi t-tariffi tad-drittijiet kellhom jiġu stabbiliti minn qabel mill-Bord, kif irid l-art. 51(1) tal-Kap. 415, flok mill-premessa illi, bis-saħħa tal-art. 15(2) tal-Kap. 196, it-tariffi stabbiliti minn *Dingli* stess, u mhux dawk stabbiliti mill-Bord, kellhom japplikaw.

15. Tassew illi, kif tgħid *Rainbow* fit-tweġiba tagħha, is-sentenza attakkata tgħid espressament illi qiegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 196 u mhux tal-Kap. 415. Dan iżda sar b'referenza speċifika għall-art. 13 ta' dik il-liġi, li fil-fatt ġie riprodott fis-sentenza. L-argument iżda ma huwiex imsejjes fuq l-applikazzjoni tal-art. 13 tal-Kap. 196 – li ma jgħid xejn dwar approvazzjoni preventiva ta' tariffi – iżda fuq l-applikazzjoni tal-art. 51 tal-Kap. 415 flok l-art. 15 tal-Kap. 196. Il-konklużjoni kienet tkun differenti li kieku s-sentenza attakkata tat interpretazzjoni tal-art. 15 tal-Kap. 196 u waslet għall-konklużjoni illi dak l-artikolu wkoll irid illi t-tariffi jkunu approvati minn qabel mill-Bord, iżda s-sentenza attakkata ma għamlet ebda aċċenn għal dak l-artikolu u għalhekk ma huwiex il-

każ illi l-kontestazzjoni hija dwar “interpretazzjoni ta’ liġi li fuqha l-qorti ... ... ... espressament tat deċiżjoni”.

16. Għalhekk it-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata għandha tintlaqa’.

17. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tħassar is-sentenza attakkata u tordna illi l-appell jinstema’ mill-ġdid. L-ispejjeż ikunu regolati fis-sentenza finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------